**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Frar, 2017**

Kawza Numru: 306/2016JB

Numru: 4

**Express Aluminium Ltd (C6658)**

***vs***

**Setra Trading Limited (C54963)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-3 ta' Awissu 2016 fejn is-Socjeta Attrici talbet li s-Socjeta Konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' erbat elef, seba' mija u disgha u hamsin euro u tliet centezmi (€4,759.03) liema somma tirraprezenta hlasijiet dovuti ghal konsenja u xoghol ta' *aluminium* fuq ordni tas-Socjeta Konvenuta kif dettaljat fi prospett anness mal-istess Avviz. Talbet ukoll l-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficcjali numru 2388/2015 (a fol 4) u l-imghax mid-data tal-ittra ufficcjali;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tad-19 ta' Settembru 2016 (a fol 8);

Ra li s-Socjeta Konvenuta, li accettat in-notifika tal-atti fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2016 (a fol 14), laqghet ghal din l-azzjoni billi pprezentat risposta fis-16 ta' Novembru 2016 (a fol 15) fejn eccepiet dan li gej:

1. Preliminarjament, l-intempestivita tal-kawza odjerna stante li kienu ghaddejjin trattattivi bejn il-kontendenti u kienu waslu ghal transazzjoni;

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

3. Illi fil-mertu, s-Socjeta Attrici ghandha ggib prova tal-fatturi ta' liema qed tippretendi hlas u tax-xogholijiet li jikkorrispondu ghal kull fattura relattiva;

4. Illi s-Socjeta Attrici qieghdha titlob hlas ta’ xoghol mhux ikkunsinnat lis-Socjeta Konvenuta;

5. Illi ghalhekk il-kreditu pretiz mhux dovut fl-intier tieghu stante li kien hemm xoghol li ghadu sal-lum ma giex kunsinnat jew li gie ritornat.

Sema’ l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema’ t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidra;

Illi l-odjerna kawza hija wahda ghall-hlas ta’ xoghol ta’ *aluminium*. Is-Socjeta Konvenuta tilqa’ ghal din l-azzjoni billi fl-ewwel lok teccepixxi l-intempestivita tal-azzjoni, u fit-tieni lok taghmel eccezzjonijiet fil-mertu inkluz li xoghol ghadu mhux kunsinnat u/jew li gie ritornat.

Ikkunsidra;

Illi mill-assjem tal-provi jirrizulta dan li gej:

Is-Socjeta Attrici resqet zewg affidavits, wiehed ta’ John Camilleri u iehor tal-Avukat Frank Cassar. Camilleri xehed (a fol 20) li hu amministratur tas-Socjeta Attrici u li din ghamlet xoghol lis-Socjeta Konvenuta fuq inkarigu ta’ Giuseppe Trapani. Jghid li x-xoghol kien ikun mghaggel u rari kien ikun hemm ilmenti; meta kien ikun hemm, kienu jiehdu azzjoni minnufih. Jghid li x-xoghol kien isir a bazi ta’ stimi ghad li kien hemm drabi fejn ma sarux stimi minhabba l-ghaggla. Jispjega kif tela’ l-kont ta’ €4,759.03 billi jiccita x-xoghol li sar u x’jirraprezentaw il-fatturi. Jghid li sussegwentement mar ghand Trapani flimkien mal-Avukat Cassar u dan ikkonferma, fil-prezenza tal-Avukat, li kien se jhallas entro gimghatejn. Minkejja dan, ma thallas xejn.

L-Avukat Cassar ikkonferma (a fol 24) li hu mar ma’ Camilleri ghand Trapani u li dan talab zmien ghall-hlas. Jghid li kien hemm skambji bejn il-kontendenti.

Is-Socjeta Konvenuta ressqet affidavit tal-Avukat Adrian Delia u iehor ta’ Giuseppe Trapani.

L-Avukat Delia stqarr (a fol 27) li kien kellmu l-klijent, Trapani, u hu kien indirizza lill-Avukat Cassar u lil Bonnici. Kien qalilhom li r-raguni li ma sarx il-hlas kien li kien hemm xi xoghol li gie ritornat. Jghid li Bonnici qallu li dak li kellu jitnaqqas kien ammont zghir. Jghid li madankollu, is-Socjeta Attrici ma kkomunikatx maghhom u saret din il-kawza.

Giuseppe Trapani stqarr (a fol 30) li hu direttur tas-Socjeta Konvenuta. Jghid li bejn il-kontendenti kien hemm relazzjoni kummercjali tajba. Jghid li madankollu fl-ahhar xhur kien hemm xi xoghol li ma nhadimx skond kif miftiehem u dan gie ritornat sabiex jigi modifikat. Jikkonferma li sar l-inkontru bejnu, Camilleri u l-Avukat Cassar izda jghid li hu kien spjega li l-ammont kellu jigi temperat minhabba li xi xoghol kien ritornat. Jghid li wara saret laqgha

bejn il-partijiet u l-avukati bit-tama li jaslu ghall-ammont li ghandu jithallas izda ma kien hemm l-ebda ezitu u bdew il-proceduri legali.

Hadd mill-partijiet ma ghamel kontro-ezamijiet tax-xhieda prodotti.

Ikkunsidra;

Illi t-Tribunal jehtieglu quddiem dan il-kwadru jidderimi l-eccezzjoni tal-intempestivita'.

Fis-sentenza fl-ismijiet "Alfred Calleja *vs* Victor Cavallo" moghtija fll-14 ta' Frar 1963, f'kaz simili ghal dak odjern fejn kellhom isiru xi modifiki wara appalt, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili laqghet l-eccezzjoni tal-intempestivita' u lliberat lill-Konvenut mill-osservanza tal-gudizzju u dan peress li l-kawza ghall-hlas tal-prezz tal-appalt saret qabel ma l-appaltatur lesta t-tiswijiet. Fil-kaz odjern, jidher li dak li kienet qed tippretendi s-Socjeta Konvenuta ma kienx xoghol riparatorju biex imbaghad jithallas il-prezz reklamat fl-intier tieghi, izda kien tnaqqis tal-prezz. Dan qed jinghad minkejja li fl-affidavit tieghu Trapani jghid li kien qed jistenna tiswijiet izda mbaghad jghid li ried li jkun hemm ftehim dwar temperament tal-ammont reklamat. Ghalhekk, din l-eccezzjoni fic-cirkostanzi odjerni, ma tregix.

Hemm xenarju iehor fejn l-eccezzjoni tal-intempestivita' tista' tregi u dan hu meta jsir il-hlas minghajr kundizzjonijiet wara li tkun giet intavolata l-kawza qabel il-waqt. Fil-kaz odjern, is-Socjeta Konvenuta qieghdha tikkontesta t-talba u ghalhekk ma jistax jinghad li hawn lok ta' intempestivita' f'dan is-sens. Certament li din l-azzjoni serviet biex issolvi l-kwistjoni bejn il-kontendenti u kwindi kien hemm lokha.

Ghalhekk din l-eccezzjoni se tigi michuda.

Ikkunsidra;

Illi sorvolata l-eccezzjoni tal-intempestivita' t-Tribunal jehtieglu jqis il-kawza fil-mertu fejn huwa naturalment kostrett jiddeciedi a bazi ta' dak li jinsab in atti. Mill-assjem tal-provi johrog car li s-Socjeta Attrici irnexxilha tipprova u tissostanzja l-ammont minnha reklamat. Min-naha l-ohra, ghad li t-Tribunal ma jiddubitax li kien hemm skambji u li s-Socjeta Konvenuta kienet qed tinsisti ghal xi tnaqqis, mill-provi minnha prodotti ma jirrizultax xi tnaqqis kien mistenni. Certament li t-Tribunal ma jistax minn rajh jiddeciedi li hemm lok ta' tnaqqis meta kull ma jirrizulta mill-provi fir-rigward hu li kien hemm skambji. Il-fatt li s-Socjeta Konvenuta ma kkontro-ezaminatx imqar lil Camilleri certament li ma jghinx.

Ghalhekk, it-Tribunal iqis li t-talba giet ippruvata fil-waqt li l-eccezzjonijiet fil-mertu ghandhom jigu michuda.

Ikkunsidra;

Illi fejn imiss mal-imghax, is-Socjeta Attrici qed titlob li dan jiddekorri mid-data tal-ittra ufficcjali. Issa normalment fejn l-imghax ikun marbut ma' ittra ufficcjali, l-imghax ghandu jiddekorri mid-data tan-notifika u cjoe minn meta d-debitur ikun tqieghed in mora. Fil-kaz odjern, hu car li t-transazzjoni bejn il-kontendenti li huma zewg socjetajiet kummercjali hija wahda ta' natura kummercjali u ghalhekk japplika l-imghax kummercjali, li kwindi jibda jiddekorri minn meta l-ammont sar dovut minghajr il-htiega ta' interpellazzjoni.

Stante li dak li qed titlob is-Socjeta Attrici dwar imghax huwa inqas minn dak li ghalih hi intitolata, it-Tribunal sejjer jilqa' t-talba ghall-imghax kif dedotta.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi, prevja li jichad l-eccezzjonijiet kollha tas-Socjeta Konvenuta, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-Socjeta Konvenuta thallas lis-Socjeta Attrici s-somma ta' €4,759.03 bl-imghax kif mitlub fl-avviz. L-ispejjez kollha a karigu tas-Socjeta Konvenuta.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*